



EMA/345006/2021  
EMEA/V/C/005149

## Enteroporc Coli AC (vaċċin (*colibacillosis tal-qżieqeż tat-tweliż (rikombinanti, inattivat)*) u *Clostridium perfringens (inattivat)*)

Ħarsa ġenerali lejn Enteroporc Coli AC u r-raġuni għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Enteroporc Coli AC u għal xiex jintuża?

Enteroporc Coli AC huwa vaċċin veterinarju li jingħata lill-ħnieżer nisa (ħnieżer nisa li jkunu diġà welldu qżieqeż) jew ħnieżer qabel ir-refgħha (ħnieżer nisa li għadhom ma welldux qżieqeż) biex jipproteġu l-frieħ tagħhom minn marda intestinali kkawżata mill-batterji *Escherichia coli* (*E. coli*) u *Clostridium perfringens* (*C. perfringens*) tipi A u C. Fih partijiet tal-batterju *E. coli* imsejjaħ adeżini fimbrijali F4ab, F4ac, F5 u F6 u tal-batterju *C. perfringens* imsejjaħ alfa, beta1 u beta2 tossojdi (tossini inattivati).

### Kif jintuża Enteroporc Coli AC?

Enteroporc Coli AC jista' jinkiseb biss b'rīċetta ta' tabib u jiġi bħala injezzjoni. Jingħata fil-muskoli tal-ġħonq fil-parti ta' wara l-widna ta' ħnieżer nisa tqal. Il-kors inizjali tal-vaċċinazzjoni huwa żewġ injezzjonijiet mogħtija bi tliet ġimġħat bejn waħda u oħra, bit-tieni injezzjoni li tingħata ġimagħtejn qabel it-tweliż tal-qżieqeż. F'kull tqala sussegwenti, il-ħnieżer nisa li fil-passat ikunu ġew imlaqqma skont din l-iskeda għandhom jingħataw rivaċċinazzjoni waħda ġimagħtejn qabel id-data mistennija tat-tweliż tal-qżieqeż.

### Kif jaħdem Enteroporc Coli AC?

Enteroporc Coli AC huwa vaċċin. Il-vaċċini jaħdmu billi "jgħallmu" lis-sistema immunitarja (id-difiżi naturali tal-ġisem) kif tiddefendi ruħha kontra l-mard. Enteroporc Coli AC fih partijiet tal-batterji *E. coli* u *C. perfringens* li jkunu ġew inattivati sabiex ma jkunux jistgħu jikkawżaw mard. Meta Enteroporc Coli AC jingħata lill-ħnieżer nisa jew lill-ħnieżer qabel ir-refgħha, is-sistema immunitarja tal-ħnieżer tirrikonoxxi l-partijiet batterjali inattivati bħala "barranin" u tipprodu ċi antikorpi kontrihom. Dawn l-antikorpi jgħaddu mill-omm għall-qżieqeż permezz tal-kolostru (il-ħalib tal-bidu), u jgħinu lill-qżieqeż jiġi għidlu l-infezzjonijiet ta' *E. coli* jew *C. perfringens* jekk jiġu esposti għalihom wara t-tweliż. Il-protezzjoni tal-wild tibda fi żmien 12-il siegħa (kontra *E. coli*) jew 24 siegħa (kontra *C. perfringens*)



wara t-twelid u ddum għall-ewwel jiem ta' ħajja (kontra *E.coli*), 14-il jum ta' ħajja (kontra *C. perfringens* tip A) u 21 jum ta' ħajja (kontra *C. perfringens* tip C).

Enteroporc Coli AC fih ukoll l-aġġuvant (ingredjent li jsaħħaħ ir-reazzjoni immuni) aluminium hydroxide.

## X'inhuma l-benefiċċji ta' Enteroporc Coli AC li ħarġu mill-istudji?

Intwera li Enteroporc Coli AC inaqqsas l-imwiet u s-sinjali kliniċi ta' infezzjonijiet ta' *E. coli* jew *C. Perfringens* bħal dijarea neonatali fil-qżieżeż tat-twelid u enterotossemija nekrotika (infezzjoni severa tal-intestini).

Sitt studji fil-laboratorju mwettqa fuq qżieqeż trabi wrew li l-protezzjoni bdiet fi żmien 12-il siegħa (*E. coli*) jew matul l-ewwel jum ta' ħajja (*C. perfringens*) u damet għall-ewwel jiem ta' ħajja (*E. coli*) jew għal 14-il jum sa 21 jum (*C. perfringens*). Barra minn hekk, tliet studji fil-laboratorju mwettqa fuq ħnieżer nisa kkonfermaw l-effikaċċja wara r-rivaċċinazzjoni, kif iddeterminat mil-livelli tal-antikorpi fil-kolostru.

Ġiet ippreżentata *data* minn tliet studji fuq il-post b'appoġġ tar-riżultati tal-istudji fil-laboratorju fejn l-effikaċċja għiet iddeterminata minn titri tal-antikorpi fil-kolostru tal-ħnieżer nisa mlaqqma.

## X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Enteroporc Coli AC?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Enteroporc Coli AC (li jistgħu jaffettaw aktar minn annimal wieħed minn kull 10) huma żieda fit-temperatura tal-ġisem fil-jum tal-vaċċinazzjoni li tista' ddum sa 24 siegħa, u nefħa jew ħmura fis-sit tal-injezzjoni li tgħaddi mingħajr kura fi żmien sebat ijiem. Fil-jum tal-vaċċinazzjoni tista' tiġi osservata mgħiba kemxejn dipressa li tista' taffettwa sa annimal wieħed minn kull 10.

## X'inhuma l-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu mill-persuna li tagħti l-mediċina jew li tiġi f'kuntatt mal-annimal?

Xejn.

## X'inhu l-perjodu ta' tiżmim f'annimali li jipproċu l-ikel?

Il-perjodu ta' tiżmim huwa ż-żmien li jrid jgħaddi wara l-għoti tal-mediċina qabel ma l-annimal ikun jista' jinqatel u l-laħam tiegħu jintuża għall-konsum mill-bniedem.

Il-perjodu ta' tiżmim għal-laħam minn ħnieżer imlaqqma b'Enteroporc Coli AC huwa "żero" jiem, li jfisser li ma hemm l-ebda żmien obbligatorju ta' stennija.

## Għalfejn Enteroporc Coli AC huwa awtorizzat fl-UE?

L-Aġenċija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Enteroporc Coli AC huma akbar mir-riskji tiegħi u rrakkomandat li jkun awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **Informazzjoni oħra dwar Enteroporc Coli AC**

Enteroporc Coli AC ingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha fid-9 ta' Diċembru 2020.

Aktar informazzjoni dwar Enteroporc Coli AC tinstab fuq is-sit elettronika tal-Aġenzija:  
[ema.europa.eu/medicines/veterinary/EPAR/enteroporc-colı-AC](http://ema.europa.eu/medicines/veterinary/EPAR/enteroporc-colı-AC).

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'06-2021.